L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 23 ta' Awissu, 2002

**It-tunnara bla sunnara**

L-Islanda huwa, b'differenza minn dak li jippriedkaw filosofi Maltin favur l-Unjoni, pajjiz determinat li jibqa' barra l-Unjoni fl-interess tal-poplu tieghu, b'wahda mill-ikbar ragunijiet li twasslu ghal din id-decizjoni tkun dik tal-politika tas-sajd.

Fil-kuntest tax-xokk li digà sajjieda Maltin hadu bil-politika tal-Gvern prezenti, nahseb li huwa opportun li niddiskutu l-implikazzjonijiet ekonomici tal-politika Ewropea f'dan il-qasam. Malta, minn l-istess pajjiz li tela' l-Qorti Internazzjonali jiggieled ghall-ibhra tieghu, sirna nafu li ghadha kif tat rigal ta' territorju ta' ibhra sostanzjali – ezettament ta' 13-il mil nawtiku – lil hbiebna Ewropej.

U dan ghalxiex? Biex insiru membri shah fl-U.E.

Fost affarijiet ohra, il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin Hallder Asgrimsson tkellem ukoll dwar il-"*Green Paper*" ricenti tal-Kummissjoni Ewropea dwar is-sajd.

Din il-"*Green Paper*" tghid car li l-politika tas-sajd ma kellhiex ir-rizultati mixtieqa ghall-uzu sostenibbli tal-hut tal-bahar.

F'din il-"*Green Paper*" il-Kummissjoni stess tissuggerixxi kif f'dan il-qasam tista' tigi mibnija politika gdida li tohloq stabbilità dejjiema u konformi aktar mal-politika ambjentali.

Asgrimsson ta r-ragunijiet tieghu ghal xiex l-Islanda ghandha tibqa' barra l-Unjoni. Huwa qal li r-regola ta' zona kostali ta' minn 6 sa 12-il mil se tibqa' tapplika, filwaqt li dik li hja msejha "Ir-regola ta' stabilità relattiva" ("*Rule on Relative Stability*") li tipprovdi li s-sehem ta' stat membru jkun ikkalkulat skond il-qabda tas-sena ta' qabel – li hija negattiva ghall-Islanda, ukoll se tibqa' tapplika.

Fil-fehma ta' Asgrimsson "*there is still a long way to go before the implementation of the policy can be said to be acceptable form the point of view of Icelandic interests*". Huwa qal li, "ghalkemm huwa difficli li wiehed imur kontra l-ghanijiet generali li hija bbazata fuqhom il-politika Ewropea f'dan il-qasam, fil-prattika, l-implimentazzjoni taghha hija wahda negattiva."

Ghal Asgrimsson huwa difficli jimmagina kif fl-Unjoni tal-gejjieni xi 30 stat jista' jingabar ma' mejda wahda, fosthom anke stati li lanqas biss ghandhom l-ibhra taghhom (*land-locked states*), jiddeciedu dwar punti delikati fil-politika tas-sajd bhalma huma permessi ta' sajd jew l-ammonti ta' hut li ghandhomn jinqabdu fl-ibhra ta' l-Islanda

F'dan is-sens, jekk l-Islanda xi darba tapplika (ghalkemm din il-probabbiltà hija wisq 'il boghod), zgur li se tintalab li tibqa' tieghu d-decizjonijiet hi.

Huwa qal li, "anke l-organizzazzjoni tas-suq kif qed jipprovaw jaslu ghaliha fl-Unjoni, u cioè, li jkun hemm provvista (*supply*) stabbli ta' hut u prezz u kwalità tajba, intlahqet b'mezzi ohra fl-Islanda.

Huwa sahansitra sostna li, "anke l-ftehim ta' l-*EEA* (l-"*Area* Ekonomika Ewropea") li l-Islanda taghmel parti minnha affettwata hazin 'il-bejgh ta' hut li mhux inkluz fil-lista li ghaliha l-Islanda ghandha tnaqqis ta' tariffi.

Asgrimsson qal ukoll li l-Islanda hija wkoll kontra l-ghajnuna finanzjarja li l-Unjoni tipprovdi.

Huwa qal li dan qalitu wkoll fuq pjattaformi internazzjonali bhal fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerc (*WTO*). Din l-ghajnuna finanzjarja kemm-il darba tirrizulta f'xiri ta' opri tal-bahar akbar li jwasslu ghal qbid accessiv ta' hut.

Fl-ahhar tad-diskors tieghu l-Ministru Islandiz qal ukoll li, "shubija shiha zgur li tkun ukoll ta' detriment kbir ghar-relazzjonijiet ma' pajjizi ohra mhux membri fl-Unjoni," u qal li, "ghalkemm wiehed dejjem jista' jiddiskuti l-politika Ewropea f'dan il-qasam u jipotizza x'arrangamenti kieku jistghu jsiru biex l-Islanda ssir membru shih, il-Gvern jiddiskuti biss l-Unjoni Ewropea bhala ezercizzju oggettiv, u bhala sistema li ghadha wisq 'il boghod biex tigbed is-simpatija tal-Gvern Islandiz!"

*Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*